IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.9.2025
COM(2025) 523 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa biex jiġu adottati atti delegati skont ir-Regolament (UE) 2017/1004 dwar qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni, u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] jistabbilixxi qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni, u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd. Huwa jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti delegati.

L-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex tistabbilixxi l-lista dettaljata tar-rekwiżiti tad-data biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 2 u 25 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd[2], li jifforma parti mill-programm pluriennali[3].

2. BAŻI LEGALI

Skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) 2017/1004, id-delega lill-Kummissjoni tingħata għal perjodu ta' tliet snin, li jibda mill-10 ta' Lulju 2017. Id-delega tas-setgħa hija estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' tliet snin, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.

F'konformità mal-Artikolu 24(2), il-Kummissjoni hija meħtieġa tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħat mhux aktar tard minn disa' xhur qabel jiskadi l-perjodu ta' żmien tas-setgħa. Dan ir-rapport jissodisfa dak l-obbligu.

3. EŻERĊITAR TAD-DELEGA

Il-Kummissjoni ma użatx is-setgħa delegata tagħha fl-aħħar tliet snin, 2022–2024, minħabba li d-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/1167[4] tas-27 ta' April 2021 li tistabbilixxi l-programm pluriennali tal-Unjoni għall-ġbir u l-ġestjoni tad-data bijoloġika, ambjentali, teknika, u soċjoekonomika fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura mill-2022 għadha fis-seħħ u tista' takkomoda rekwiżiti li qed jevolvu bis-saħħa tal-karattru mhux eżawrjenti tagħha.

Għalkemm il-programm pluriennali ma fihx data tat-tmiem li fiha dak il-programm se jieqaf japplika jew ma jibqax validu, jista' jiġi rivedut fil-futur prevedibbli biex jakkomoda l-ħtiġijiet emerġenti għad-data, u biex il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jiġi adattat għal profili

---

1 Ir-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 (riformulazzjoni) (ĠU L 157, 20.6.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1004/oj).

2 Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj).

3 Skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2017/1004, il-parti l-oħra tal-programm pluriennali għandha tiġi adottata permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

4 Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/1167 tas-27 ta' April 2021 li tistabbilixxi l-programm pluriennali tal-Unjoni għall-ġbir u l-ġestjoni tad-data bijoloġika, ambjentali, teknika, u soċjoekonomika fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura mill-2022 (ĠU L 253, 16.7.2021, p. 51, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_del/2021/1167/oj).

tas-sajd u rekwiżiti tal-politika li qed jinbidlu, f'konformità mal-prinċipji tar-Regolamentazzjoni Aħjar.

Għalhekk, il-Kummissjoni tara l-ħtieġa li testendi b'mod taċitu t-tul ta' żmien tal-għoti tas-setgħa peress li jista' jkollha bżonn tadotta atti delegati sussegwenti li jemendaw id-Deċiżjoni Delegata (UE) 2021/1167.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.